**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 25/2019 NL**

**Mapfre Middlesea plc (C-5553) u Peter Agius (103766M)**

**Vs**

**Elmo Insurance Ltd (C-3500) u Brian Vella (287698M)**

Illum 11 ta' Jannar 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tar-rikorrenti prezentat fil-11 ta' Frar 2019 li permezz taghha talbu lill-intimati solidalment, jew min minnhom, ihallsuhom is-somma ta' €13,350 rapprezentanti danni kawzati fuq il-vettura TON-221 proprjeta' tar-rikorrent Peter Agius u excess in segwitu ghall-incident stradali li sehh fit-3 ta' Dicembru 2017 fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar, bejn il-vettura GAO-587 misjuqa mill-intimat Brian Vella u koperta b'polza mis-socjeta' intimata Elmo Insurance Ltd, u dik misjuqa minn Antoine Agius (3094M) .

Rat ir-risposta ta' Brian Vella prezentata fit-12 ta' Marzu 2019 fejn fiha eccepixxa (i) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dan stante li l-incident ma sehhx b'tort tieghu izda b'tort unikament imputabbli lil Antoine Agius (ii) konsegwentement ma hemmx danni x'jigu likwidati u li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-eccepjent Vella (iii) minghajr pregudizzju, u fl-aghar ipotesi, kwalunkwe imghax li din il-Qorti tista' tordna ghandhu jkun ta' natura civili u mhux kummercjali u dan stante li l-kawza tittratta talba ghal danni ta' natura akwiljana.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' April 2019, ossija l-ewwel udjenza, Elmo Insurance Ltd imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx minkejja li kienet notifikata fil-21 ta' Frar 2019.[1]

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018, giet ordnata l-inverzjoni tal-provi in vista tal-ewwel eccezzjoni preliminari.

Semghet ix-xhieda kollha u rat id-dokumenti prezentati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat illi waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2019, l-atturi ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu, filwaqt li fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2020 l-intimat Brian Vella ghalaq il-provi tieghu.

[1] Fol. 84 tal-process
[2] Folio 137 ta' l-atti processwali

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Mill-provi prodotti xehed **Jason Tonna** ghan-nom ta' Mapfre Middlesea plc li kkonferma s-survey report, id-*discharge letter*, kopja tar-rapport tal-pulizija, kopja tal-*logbook* u ricevuta li l-assikurat Peter Agius hallas in linea ta' *excess* tal-polza. Xehed ukoll is-Surgent **PS 902 Karol Spiteri** li ezebixxa u kkonferma r-rapport tal-pulizija u l-isketch preparata *a tempo vergine* tal-incident stradali. Ix-xhud immarka, waqt id-deposizzjoni tieghu, b'sinjal "X" in-naha ta' fejn kienet ir-*roundabout* li dwarha jitkelmu x-xhieda matul il-kors tal-kawza. Xehed ukoll **Peter Agius** li kkonferma li l-vettura TON-221 hija tieghu, assikurata mas-socjeta' Mapfre Middlesea plc, u li jsuqa ibnu Antoine Agius.

Xehed **Antoine Agius** li jghid li dakinhar tal-incident ossija fit-3 ta' Dicembru 2017 li spjega li huwa kien gej min-nizla tan-Naxxar diehel ghall-Mosta mar-roundabout. Ikompli jghid li kif dar mar-roundabout ezatt isib il-karozza l-ohra go fih u ghakemm prova jiskapulaha, ma rnexxilux, l-ghaliex kien fuq il-*lane* tieghu. Huwa jghid li l-accident sehh ghall-habta ta' bejn 4:30 u 4:45am.

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2019, xehed Brian Vella fejn hu kkonferma li huwa kien ix-xufier tal-vettura l-ohra bin-numru GAO-587 tal-ghamla Peugeot

106 u li l-incident sehh ghall-habta ta' l-4:30am tat-3 ta' Dicembru 2017, sbieh il-Hadd. Huwa jghid li kien sejjer id-dar, is-Salina. Huwa jghid li kien qed isuq fuq il-*lane* tieghu tan-naha tax-xellug u li ftit qabel ir-*roundabout* mal-kisra tal-Alla w Ommu, ra dawl qawwi gej ghal fuqu, il-karozza l-ohra dahlet fih, u laqtu fuq il-fanal tal-passiggier u hemmhekk daret il-karozza. Il-konvenut Vella jezebixxi sett ta' ritratti[3].

In kontroezami, **Antoine Agius** essenzjalment jikkonferma l-posizzjoni li diga' kien spjega in ezami, u ukoll li meta prova jiskapula lill-vettura l-ohra, huwa dar lejn in-naha tal-lemin, ossija, lejn l-irdum. Dan ghamlu peress li skond hu, il-vettura GAO-587 kienet diga' qrib hafna in-naha tal-bankina, u ma kienx hemm spazju mnejn tiskapulah minn hemm. Mistoqsi direttament jekk kienx ghaddej bis-sahha u dahal fuq il-lane tal-lemin, ix-xhud jichad. L-istess jerga' jichad li hu kien ikkonsma xi xorb dak il-lejl.

**Ikkunsidrat**

Issa f'dan il-kaz, ghalhekk, ma jirrizultax li xi parti tallega ksur tal-*proper lookout* tal-ohra, u l-ohra qed tirrespingi dik l-allegazzjoni. Ghall-kuntrarju, jidher li z-zewg xufiera qed jghidu li l-iehor kien fil-karreggjata zbaljata.

Naturalment, wahda minn dawn il-verzjonijiet, ma tistax tkun minnha.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi prodotti, u l-unici indizji **<u>oggettivi</u>** li l-Qorti ghandha f'idejha huma r-ritratti mehudin a tempo vergina mill-konvenut Vella, u d-dokumentazzjoni preparata u prezentata mill-pulizija.

[3] Fol. 136 tal-process

M'hemmx dubju li, il-vettura misjuqa mill-konvenut Vella, kienet fejn kienet qabel l-impatt, spiccat f'posizzjoni fejn taghti x'jinftiehem li l-vettura kienet qed issuq fil-*lane* zbaljat. Il-konvenut jirribatti dan l-istat ta' fatt billi jghid li d-daqqa hu hadha fuq il-fanal tal-passiggier, b'mod li bl-istess impatt, il-vettura daret u giet kif tidher fir-ritratti. Madankollu, huwa jikkonferma li s-sinjali tal-hsara fuq il-vettura tieghu huma kompatibbli ma' impatt *head-on.* Din il-Qorti tqis li t-tezi tal-konvenut ma treggix meta wiehed jara l-hsarat li soffriet il-vettura tieghu, u meta wiehed jara l-hsarat li sofriet il-vettura misjuqa minn Agius. Dan peress il-vettura ta' Agius sofriet l-akbar hsara fuq il-fanal tax-xufier.

Jibqa' l-fatt li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Emanuel Ciantar vs Davis Curmi noe**, (PA 28/04/2003) "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*"

Fis-sentenza **Middle Se Insurance vs Sammut** (moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Infferjuri) fis-26 ta' Marzu 2004 jinghad li "*f'kaz ta' konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taccerta ruhha jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet possibbli ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi*".

Dwar verzjonijiet konfliggenti, il-Qrati taghna repetutament jghidu illi "f'sitwazzjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa imbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg versjonijiet "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo".[4]

In effett allura dak generalment iwassal biex jiqties illi ghandu jkun l-attur illi jipprova l-fatti allegati minnu fil-kawza proposta minnu[5]. Biss il-prova rikjesta mill-istess attur huwa dak ta' certezza moralli f' mohh il-gudikant illi hija l-effett ta' bilanc ta' prova.

-Qrati taghna jghallmu li "*[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,* ***ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant***" (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li "*[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax*

[4] Grech vs NMJ Co. Limited (App. Civ. Inf. 14/1/2004) u Bugeja vs Meilak (PA 30/10/2003)
[5] Ara fost ohrajn, Giordimaina vs Rizzo (PA 28/4/2004) u Spiteri vs Spiteri (App. Civ. Inf. 17/7/2004)

*kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."*

Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". (*Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti tqis, wara li gharblet il-provi prodotti, b'mod specjali c-cirkostanzi u d-dinamika tal-incident, l-evidenza fotografika, u l-interpretazzjoni raprezentattiva tal-incident maghmul mis-Surgent li pinga l-i*sketch* a tempo vergine, kif ukoll il-hsara sofferta minn vettura u minn ohra, u l-posizzjoni taghhom wara l-impatt, ilkoll jindikaw, u jikkonvincu lil din il-Qorti, li huwa l-konvenut Vella li kien qed isuq il-vettura tieghu bi ksur tar-regolamenti applikabbli u b'hekk ikkawza l-incident.

Fil-fehema tal-Qorti, l-atturi rnexxielhom jipprovaw bizzejjed, u sal-grad ta' prova rikjest f'procedimenti civili, illi l-vettura misjuqa minn Agius, filwaqt li kienet fi triqtha fuq il-karreggjata tax-xellug, sabet il-vettura ta' Vella issuq fil-karreggjata l-hazina. B'rizultat t'hekk, Agius prova jiskapulaha billi dawwar ghal lemin, izda spicca laqghatha. Ghalkemm Vella jghid li l-impatt kien wiehed man-naha tal-fanal tax-xellug tal-vettura tieghu ( u huwa minnu li din in-naha tal-vettura soffriet hsarat), mir-ritratt ezebit minnu stess jidher evidenti li l-impatt kien aktar wiehed frontali milli ngenneb.

Din il-Qorti tqis li dan kollu jkompli jassoda t-tezi tal-atturi, ossija li kien proprju Vella li kkaguna l-incident.

Fir-rigward tas-sottomissjonijiet migjuba mill-legali tal-konvenut Vella li huwa ghamel manuvra ta' emergenza u kien ghalhekk li spicca kif spicca, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din it-tezi. Kif gja' inghad, jidher li kien Vella li kien qed jikser ir-regolamenti tat-traffiku billi saq fuq il-karreggjata zbaljata.

Jekk, meta sab ruhu f'sitwazzjoni ta' emergenza, ghamel manuvra li minnha nfisha setghet ikkontribwiet ulterjorment jew anke unikament ghall-istess incident, dan ma jista' qatt iservi ta' xi attenwant – wisq anqas ta' skuzant – il-ghaliex kien l-istess xufier li pogga ruhu fis-sitwazzjoni li gghielitu jiltaqa' ma' xi emergenza. Huwa pacifiku wkoll, li persuna ta' diligenza ordinarja tista' facilment tipprevedi li jista' jsehh xi sinistru jekk hija ssuq fuq in-naha zbaljata tat-triq.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha hawn fqu spjegati, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in*

*solidum* u bl-imghaxijiet legali mid-data li fiha gew notifikati l-konvenuti, ossija fil-21 ta' Frar 2019, sad-data tal-hlas effettiv.

**Moghtija illum nhar il-11 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**